# ID-DAWL

NOVEMBRU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 23

## “Intom l-aqwa nies maħluqin għall-ġid tal-umanità”



Inservu l-Umanità | It-3 Konvenzjoni Annwali | Preżentazzjoni ta’ Donazzjonijiet | Indirizz tal-President Emeritu

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# NEFQA GĦALL-UMANITÀ

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

L-imħabba, is-solidarjetà u s-servizz lill-umanità huma prinċipji fundamentali tat-tagħlim Iżlamiku. L-Iżlam iħeġġeġ lill-Musulmani biex dejjem isiru ġenerużi u josservaw il-karità. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, stqarr:

> "Il-bniedem ġeneruż huwa qrib ta' Alla l-Għoli, qrib tan-nies, qrib tal-Ġenna u mbiegħed min-Nar. Ix-xħiħ huwa mbiegħed minn Alla, imbiegħed min-nies, imbiegħed mill-Ġenna, u qrib tan-Nar. Il-bniedem bla tagħlim li huwa ġeneruż huwa egħżeż għal Alla minn dak li jqim lil Alla iżda huwa xħiħ."

Is-servizz lill-umanità huwa att nobbli ħafna, u Allah jagħti premju kbir għal dan il-ġest nobbli. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> "Min jonfoq xi nefqa għal Alla, jinkitiblu (ħlas ta') seba' mitt darba aktar."

**ID-DAWL**
Novembru 2019 – Numru 23 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq:
**www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

# IT-3 JALSA SALANA MALTA 2019 (IL-KONVENZJONI ANNWALI)




Konvenzjoni dwar it-tema **Inservu l-Umanità**
L-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca indirizzat
Attendenza minn nies minn kull qasam tal-ħajja
Preżentazzjoni ta' Donazzjonijiet

Bil-grazzja ta' Alla Omnipotenti, l-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta organizzat b'suċċess it-tielet Jalsa Salana (il-konvenzjoni annwali) il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019, fiċ-Ċentru Familja Mqaddsa, l-Imsida. Il-konvenzjoni kienet maqsuma f'żewġ sessjonijiet. L-ewwel sessjoni kienet immexxija mill-Imam Abdul Basit Tariq, u kienu mistiedna għaliha l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Kien hemm taħditiet dwar temi varji għall-ġid spiritwali u soċjali tal-membri tal-komunità.

Messaġġ speċjali mingħand il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (jalla Alla jkun l-Ajjutant tiegħu) inqara waqt il-konvenzjoni.

# INSERVU L-UMANITÀ

It-tieni sessjoni tat-3 Konvenzjoni Annwali 2019 (Jalsa Salana) kienet organizzata fuq it-tema **Inservu l-Umanità**. Kull sena l-Komunità Ahmadiyya Musulmana torganizza konvenzjonijiet bħal dawn biex tippromwovi l-armonija interreliġjuża, u l-fraternità universali, u biex ixxerred il-messaġġ ta' mħabba, tama u paċi.

L-Eċċellenza Tagħha, Marie-Louise Coleiro Preca, il-President Emeritu ta' Malta, kienet il-mistiedna speċjali ta' din is-sessjoni. L-Eċċellenza Tagħha faħħret lill-Komunità Ahmadiyya Musulmana talli tellgħet din il-konvenzjoni. L-Imam Attaul Wasih Tariq għamel introduzzjoni dwar il-Komunità Ahmadiyya u fisser l-għan tal-Jalsa Salana. Wara din l-introduzzjoni l-mistiedna distinti għamlu l-indirizzi tagħhom.

L-Onor. Ivan Bartolo, Membru Parlamentari, enfasizza li flimkien nistgħu niksbu kollox u stqarr kemm hu importanti li nikkollaboraw flimkien f'armonija, u qal: "Flimkien ikollna suċċess."

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, is-Sindku tal-Imsida, stqarret li: "Huwa tabilħaqq ta' unur u pjaċir għalija li għal darb'oħra qed nindirizza din il-konvenzjoni annwali tal-Ahmadiyya – organizzazzjoni li bniet reputazzjoni tajba ħafna minħabba li turi ġenerożità ma' dawk li jkollhom bżonn l-għajnuna u bis-saħħa tal-messaġġ universali tagħha 'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda lejn Ħadd'. L-Ahmadiyya tassew hija komunità reliġjuża li tgħix il-valuri tal-paċi u l-empatija."

Is-Sur Anthony Gatt, id-Direttur tal-Caritas Malta, qal: "Grazzi ta' din l-istedina, jiena wkoll inħossni privileġġat talli rċevejt din l-istedina u li nista' naqsam magħkom din il-kultura ta' paċi u mħabba lejn l-umanità."

Ir-Rev. John Anthony Berry, segretarju tal-Kummissjoni Djoċesana għad-Djalogu Interreliġjuż, iddefinixxa 'servizz' f'żewġ kelmiet: "Prontezza u attenzjoni." U qal li, "Meta jkollna x'naqsmu mal-umanità, mal-ħajjiet umani, neħtieġu nxerrdu l-imħabba kull fejn immorru." Huwa temm id-diskors bi kwotazzjoni minn Russell Simmons: "Is-Servizz huwa ċ-ċavetta ta' kulma hawn fil-ħajja."




# L-IŻLAM U S-SOLIDARJETÀ

L-Imam Laiq Ahmed Atif, President tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, enfasizza l-punt li d-dinja tal-lum saret bħal villaġġ globali, għax kull nazzjon huwa konness ma' ieħor. B'riżultat ta' dan, aktar minn qatt qabel, huwa d-dmir tal-umanità kollha li tqanqal spirtu ta' fraternità u mħabba reċiproka qalb il-popli tan-nazzjonijiet kollha bi twemmin differenti. Huwa qal: "Li sservi l-umanità hija karatteristika eċċellenti fl-Iżlam. It-tagħlim Iżlamiku kollu huwa msejjes fuq żewġ prinċipji fundamentali li huma d-drittijiet ta' Alla u d-drittijiet tal-umanità. Għaldaqstant, aħna mgħallmin li l-qima lejn Alla u l-ħniena mal-proxxmu ma jistgħux jinfirdu minn xulxin."

Huwa ppreżenta referenzi mill-Koran Imqaddes u mill-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem ikun fuqu, b'konnessjoni mal-qadi tal-umanità. Huwa semma l-versi Koraniċi li jitkellmu dwar il-kwalitajiet tal-qaddejja twajba u ġenwini ta' Alla. **"U huma jitimgħu, għall-imħabba Tiegħu, lill-fqir, lill-iltim, u lill-ħabsi, u jgħidu, 'Aħna nitimgħukom għas-sodisfazzjon t'Alla biss. Aħna ma nixtiequ l-ebda premju, u lanqas grazzi mingħandkom.'"** (76:9-10)

# PREŻENTAZZJONI TA' DONAZZJONIJIET




B'konsiderazzjoni għat-tema tal-konvenzjoni, dik ta' **Inservu l-Umanità**, kien ta' pjaċir għall-Komunità Ahmadiyya Musulmana li tippreżenta ħames siġġijiet tar-roti lill-Eċċellenza Tagħha, Marie-Louise Coleiro Preca, għall-*Malta Foundation for the Wellbeing of Society*, li tagħha l-Eċċellenza Tagħha hija ċ-Ċerpersin; vawċers tal-ikel għan-nies fil-bżonn; ħamsin pjanta għall-iskola primarja tal-Imsida; 100 ktieb lil Caritas Malta; siġar taċ-ċitru u taż-żebbuġ għall-iskola primarja tal-Gżira; u pjattaforma għaċ-Ċentru Familja Mqaddsa tal-Imsida.

Nies minn kull qasam tal-ħajja attendew għal din il-konvenzjoni. Wara d-diskorsi tqassam ikel tradizzjonali u l-parteċipanti kellhom aktar ħin biex jitħaddtu ma' xulxin.









# INDIRIZZ TAL-PRESIDENT EMERITU




Indirizz mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, il-President Emeritu ta' Malta, fl-okkażjoni tat-3 Konvenzjoni Annwali tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta fit-13 ta' Ottubru 2019.

"Grazzi Imam Laiq Ahmed Atif għal opportunità oħra biex inkun qalb il-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Nixtieq intenni r-ringrazzjamenti tiegħi lejk Imam għall-viżjoni tiegħek u għall-isforzi ġenwini tiegħek għall-ġid ta' kulħadd, fl-aħjar interess għall-komunitajiet tagħna u għall-familja waħdanija umana tagħna.

Qabel ma nidħol aktar fid-dettall fl-indirizz tiegħi, nixtieq nirrikonoxxi l-kunċetti entużjażmanti li jikkaratterizzaw lil din il-konvenzjoni. B'mod partikulari rrid nirrikonoxxi t-twemmin fundamentali tal-Komunità Ahmadiyya Muslim Jamaat li tenfasizza l-kunċett ta' **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda lejn Ħadd'**.

Jiena nemmen li dan il-prinċipju għandu jkun ta' dawl ta' gwida għalina lkoll. Din il-konvenzjoni tafferma dan il-prinċipju l-għaliex toħloq

opportunità għalina, biex ningħaqdu flimkien, minkejja d-differenzi fit-twemmin tagħna, fi djalogu rispettuż.

## PROVA TA' RISPETT U MĦABBA

Okkażjoni bħal din hija prova ta' rispett, imħabba u armonija. Li tippromwovi dawn il-valuri ta' rispett, imħabba u armonija, f'dinja fejn sfortunatament in-nuqqas ta' fiduċja sar mifrux ma' kullimkien, hija ħaġa li tqawwi verament il-qalb. Hija xi ħaġa inkoraġġanti li wieħed jinnota li inizjattiva bħal din il-konvenzjoni tħabbatha kontra l-mewġ ta' ġlied u konfużjoni li b'diqa jiddominaw il-familja umana tagħna, illum il-ġurnata.

Jiena tassew napprezza inizjattivi bħal dawn il-għaliex joħolqu bilanċ għall-mentalità ta' dwejjaq li donnha qed taħkem l-imħuħ ta' wħud minna. Konvenzjoni bħal din timliena bit-tama u tgħollilna l-moral quddiem l-avvenimenti traġiċi ta' kunflitt bejn in-nazzjonijiet; il-vjolenza mwettqa f'isem ir-reliġjon; u forom oħra ta' aggressjoni kontra l-umanità. Kull wieħed minna għandu r-responsabbiltà li jagħmel il-parti tiegħu biex jissielet l-estremiżmu. Jeħtieġ li nagħtu sehemna biex noħolqu ambjent li jwassal għat-tgawdija sħiħa tal-libertà tal-fidi u t-twemmin minn kulħadd.

Il-libertà tal-fidi bħala dritt uman u dritt fundamentali kien valur rikonoxxut u mħaddan mill-antenati kollha tagħna sebgħin sena ilu meta l-komunità internazzjonali, permezz tal-Ġnus Magħquda, approvat pubblikament id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani. Aħna kollha responsabbli għall-promozzjoni u l-ħarsien ta' dan id-dritt fundamentali.

Aħna kollha neħtieġ nieqfu milli nkattru t-tensjonijiet interreliġjużi. Aħna kollha obbligati li nippromwovu u nistinkaw għal ambjent ta' rispett u apprezzament qalb il-membri kollha tal-familja umana tagħna jkunu xi jkunu r-reliġjon, l-emmna jew il-kultura tagħna."

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**